# LECTIO DIVINA

# IL-ĠISEM U D-DEMM TAL-MULEJ (C)

## Lq 9,11b-17

F'Luqa dan il-miraklu huwa l-quċċata tal-attività ta' Ġesù fil-Galilea. Wara dan il-miraklu, Ġesù juri bil-miftuħ il-pjan definittiv tiegħu - tal-mewt u l-eżaltazzjoni ta' Bin il-bniedem (9,18-22). U minn hawn jibda l-vjaġġ tiegħu lejn Ġerusalemm (9,51) fejn isseħħ ir-rivelazzjoni sħiħa tiegħu nnifsu.

**v.11b: "Ġesù qagħad ikellem il-folol fuq is-Saltna ta' Alla, u fejjaq lil dawk li kienu jeħtieġu l-fejqan."**

Ġesù huwa Alla li jilqa' lil kulħadd, u ma jeskludi lil ħadd. Huwa dak Alla li lejH jista' joqrob kulħadd bla ebda kundizzjoni, mingħajr regoli jew limiti. Ġesù jilqagħhom u jħabbrilhom is-saltna ta' Alla. X'inhi s-saltna ta' Alla? Hija s-soċjetà alternattiva li Ġesù ġie biex jipproponi: soċjetà li minflok it-tliet verbi għandu, jogħla u jikkmanda, insibu l-ferħ ta' min jaqsam, jitbaxxa (fil-firxa ta' mħabbtu jilħaq lil kulħadd) u jaqdi. Din hija s-saltna ta' Alla jew aħjar is-sitwazzjonijiet fejn Ġesù huwa sultan.

Il-konsegwenza ta' din l-aħbar jew l-effett ta' din is-saltna huwa li Ġesù jibda jfejjaq u jdewwi lil dawk li kienu fil-bżonn tal-kura. Is-saltna ta' Alla għandha bħala skop il-ġid u t-tajjeb tal-bniedem. Għalhekk mhix reliġjon li tassorbi l-enerġiji tal-bniedem jew tal-poplu, imma twassalhom biex ikunu fl-aħjar tagħhom.

**v. 12: "Il-jum kien wasal biex jintemm. Resqu lejh it-Tnax u qalulu: "Ibgħathom in-nies ħa jmorru fl-irħula u l-irziezet tal-qrib biex isibu fejn jistrieħu u jieklu xi ħaġa, għax hawnhekk qegħdin f'post imwarrab."**

Insibu xebh mar-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws. L-evanġelista jinnota li l-jum kien wasal fi tmiemu, mingħajr ma jinnota l-ebda ħjiel ta' għejja mill-folla; kellhom ikunu t-tnax li kienu dawk li ġew imsejħa biex jimxu warajh, li jiġbdulu l-attenzjoni għall-fatt li l-folla tista' tkun fil-bżonn tal-ikel.

Mentri l-folla qiegħda tisma’ din l-aħbar tas-saltna ta’ Alla, l-appostli li huma dawk l-aktar qrib ta’ Ġesù, juru sinjali ta’ nuqqas ta’ sabar, tant li jibdew jgħejjew u jitolbu lil Ġesù biex jieqaf mill-ħidma tiegħu u jibgħat lill-folla.
Mk 6,34 jinnota li kienu “qishom nagħaġ bla ragħaj”. Ġesù tant għandu ħila jiġbidhom lejH li jinsew l-ikel u jibqgħu miegħu sa fid-deżert.

**v.13: “Iżda hu qalilhom: “Agħtuhom intom x’jieklu.” Qalulu: “Ma għandniex aktar minn ħames ħobżiet u żewġ ħutiet, jekk għallinqas ma mmorrux aħna stess nixtru l-ikel għal dawn in-nies kollha!”**
Aktar mit-tifsira biex jagħtuhom huma xi ħaġa x’jieklu, Ġesù jalludi biex huwa jagħtu lilhom infushom bħala ikel għall-folla. Luqa jidher biċ-ċar li għandu f’moħħu l-Ewkaristija. Fl-Ewkaristija dawk li jilqgħu lil Ġesù, jingħataw il-ħila li jsiru ħobż għall-oħrajn, isiru għajxien tal-ħajja fl-oħrajn. It-tnax m’għandhom l-ebda intenzjoni li jingħataw għall-folla, tant li joġġezzjonaw u jgħidulu: “ma nagħmlux mod li tistenna li aħna nitimgħu din il-folla kollha!”
Jidher il-kuntrast bejn Ġesù li jitkellem milli jagħtu jew jaqsmu, waqt li huma jirraġunaw bil-kriterji tad-dinja - li jkollok u li tixtri. It-tnax jibżgħu quddiem il-kmand ta’ Ġesù. Għadhom iridu jaslu biex jafdaw dak il-ftit li għandhom ħalli jwettqu r-rieda ta’ Ġesù biex imbagħad il-ftit isir biżżejjed biex jitma’ u jegħleb il-ġuħ.

**v.14-15: “Għax kien hemm madwar il-ħamest elef raġel. U qal lid-dixxipli tiegħu: “Qiegħduhom bilqiegħda ħamsin ħamsin. Hekk għamlu, u qiegħdu lil kulħadd bilqiegħda.”**
Luqa jinnota li kienu madwar 5000 raġel. Huwa n-numru ta’ dawk li kienu jiffurmaw l-ewwel komunità Kristjana primittiva. Imma nistgħu nirreferu wkoll għal dak li għamel Mosè f’Num 1-4 meta għall-ewwel darba jitma’ lill-folla bil-ġuħ wara li kienu ħarġu mill-Eġittu.
Ġesù ma jeskludix il-kontribut tal-bniedem anzi jinqeda bih biex iwettaq il-ħidma tiegħu.
Ġesù jagħti l-ewwel kmand: qiegħduhom bilqiegħda. Fl-ikliet il-kbar tal-festi, il-għonja kienu jieklu mindudin. Wieħed mill-effetti tal-Ewkaristija huwa li min jieħu sehem irid iħossu għani u stmat. U min huwa l-għani? Dak li għandu min jaqdih. Setgħu jieklu mindudin għaliex ikollhom il-qaddejja li jkunu għas-servizz tagħhom fil-mejda. Għalhekk Ġesù talabhom biex isiru qaddejja tal-folla biex din tħossha sinjura/għanja.

**v. 16: “Imbagħad ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa’ għajnejh lejn is-sema, berikhom u qasamhom, u tahom lid-dixxipli biex inewluhom lin-nies.”**

Isegwu l-ġesti liturġiċi taċ-Ċena Ewkaristika – l-ewwel li jagħtihom huwa Pawlu f’1 Kor 11,23-26: “Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi.” Fl-Ewkaristija nħabbru l-mewt tal-Mulej mhux bħala mejjet, imma bħala dak li issa huwa ħaj għal dejjem.

Importanti l-indikazzjoni tal-evanġelista meta jinnota li ta l-ħobż lid-dixxipli biex inewwluh lin-nies. Id-dixxipli mhumiex sidien imma qaddejja ta’ dan il-ħobż. Mhux f’idejn id-dixxipli li jiddeċiedu lil min iħallu barra milli jiekol dan il-ħobż. Alla jibqa’ s-sid waħdieni ta’ dan il-ħobż waqt li huma qaddejja li jieħdu minnu u jwassluh lill-folla. Ninnutaw li waqt li f’każijiet oħra fejn insibu l-ikliet, għandna ħjiel ta’ referenza għall-purifikazzjoni, f’dan il-każ ninnutaw li m’hemm l-ebda ħjiel ta’ rikjesta ta’ purifikazzjoni (kumbinazzjoni?!).

**v.17: “U kulħadd kiel u xaba’ u l-bċejjeċ tal-ħobż li kien fadal ġabruhom fi tnax-il qoffa.”**

Ix-xabgħa u l-avvanz huma sinjali tal-Ewkaristija. In-numru tnax jindika it-tribujiet ta’ Iżrael u għalhekk Luqa ried ifisser is-saltna ta’ Alla li meta tħaddem il-kondiviżjoni, u mhux il-ħażna, il-prattika tas-servizz minflok tal-kmand, wieħed jasal biex jegħleb il-ġuħ ta’ folla sħiħa. L-Ewkaristija tidher bħala l-ikla l-kbira li matulha magħqudin bejnietna, Ġesù jagħtina lilu nnifsu biex inwassluh lid-dinja.